MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 16/2002/1

**Goldkraft Ltd**

**vs**

**Club Ltd;**
**u b' digriet tal-Qorti tas-27 ta' Gunju 2007 gew nominati bhala kuraturi deputati Dr. Beppe Fenech Adami u l-P. L. Mario Mifsud Bonnici sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` Club Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Marzu, 2006, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Bord,
>
> Ra r-rikors tas-socjeta' rikorrenti pprezentat fil-21 ta' Jannar, 2002 fejn esponiet:

Illi s-socjeta’ rikorrenti tikri lis-socjeta’ intimata l-fond 292/7, Republic Street, Valletta, bil-kera ta’ Lm248.89 fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, l-ewwel skadenza fit-8 ta’ Marzu, 2002;

Illi l-fond gie mikri ghal skopijiet ta’ hazna;

Illi s-socjeta’ intimata ilha ma tuza l-fond ghall-iskopijiet li ghalih inkera, u dan kif anke jirrizulta mit-test ta’ ittra ufficjali responsiva datata 30 ta’ Ottubru, 2000, (Dok B) li wiegbet ghall-ittra ufficjali tas-socjeta’ rikorrenti tat-28 ta’ Awissu, 2000 (Dok A);

Ghaldaqstant, is-socjeta’ rikorrenti titlob bir-rispett lil dan il-Bord joghgbu, ghar-ragunijiet premessi:

1. Jawtorizza lis-socjeta’ rikorrenti tiehu lura l-pussess tal-imsemmi fond 292/7 Republic Street, Valletta, u konsegwentement.

2. Jikkundanna lis-socjeta’ intimata biex jizgombra mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju li jiffissa l-istess Bord.

Ra r-risposta tas-socjeta’ intimata Club Ltd fejn esponiet:

Illi in vista tal-kontenut tal-fax hawn annessa, hija titlob zmien biex tipprezenta risposta bl-eccezzjonijiet taghha.

Illi, f’kull kaz, it-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti huma kkontestati.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal.

Ikkunsidra:

1. Din il-kirja bdiet issehh bi ftehim tat-8 ta' Marzu, 1979 fejn Joseph Preca flimkien ma' Club Ltd li l-fond jintuza 'for storage' (Fol 23A).

2. B'ittra ufficjali tat-28 t'Awwissu, 2000 Goldkraft gharrfet lil Club Ltd biex tizgombra mill-fond mikri ghal hazna billi 'ma jintuzax ghall-iskopijiet li ghalih inkera u ilu kompletament battal ghal snin twal' (fol 2).

3. B'ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 2004 is-socjeta' intimata wara li rrespingiet l-ittra ufficjali gharrfet lis-socjeta' rikorrenti li l-fond dejjem jintuza 'izda minhabba x-xogholijiet li saru minnhom biex irrangajtu l-post taghkom f'dawn l-ahhar zmenijiet il-fond ma setax jibqa' jintuza bhal qabel'. Ziedet li fil-kitba bejn il-partijiet 'ma giex specifikat l-uzu li jrid isir mill-fond lokat' (fol 4).

4. Illi hemm qbil bejn il-partijiet li l-fond in kwistjoni jintuza ghal hazna tad-djamanti minkejja li fil-ftehim m'hemmx uzu msemmi u minkejja x'jinghad fl-ittra ufficjali a fol 4. Skond ix-xhud Paul Fenech, Manager tas-socjeta' rikorrenti xehed li s-socjeta' intimata kienet timporta d-djamanti lejn Malta izda xi hames snin qabel ma xehed (seduta 2 ta' Mejju 2002) hadet in-negozju taghha barra minn Malta. Fl-istess sens hija x-xhieda ta' Stephen Fenech.

5. Dottor Tonio Azzopardi xehed bhala mandatarju tas-socjeta' intimata li ghandha:

> "n-negozju ta' goellerija u tad-djamanti.............. pero' li gara huwa li ghall-perijodu ta' snin hu ma setghax juza dan il-post minhabba xi xogholijiet illi kien hemm fil-post. Ma setghax ihalli l-affarijiet tieghu hemm gew, meta fil-post...... ta' magembu kienu qeghdin isiru hafna xogholijiet, u anke minhabba s-sigurezza ghax ma kienx hemm

sigureza u allura hu waqaf milli jaghmel uzu ghal xi zmien ta' dan il-post...."

6. Illi l-kawzali tas-socjeta' rikorrenti hija wahda, 'non uso' li l-effetti taghha jekwivalu ghal bdil ta' destinazzjoni. Fi kliem il-Laurent "non si usa della cosa, secondo la sua destinazione non usandone" (ara fost hafna ohrajn 'Borg vs Thake' Appell, 3 ta' Novembru, 2004; "Cassar et vs Cassar" 23 ta' Gunju, 2004; "Micallef vs Degiorgio et" 28 ta'April, 2004).

7. "Biex non uso ta' fond jammnota ghall-uzu divers hemm bzonn li jghaddi tul ta' zmien valutabbli skond ic-cirkostanzi tal-kaz u li jkun voluntarju u mhux determinat minn xi gustifikazzjoni ragonevoli. Meta hanut jinzamm ghal zmien twil maghluq ikun hemm ksur ta' l-obbligazzjonijiet tal-kiri. Izda anqas ghadu jigi minsi li dan il-principju mhux assolut u ma joperax awtomatikament, izda f'kull kaz, ghandhom jitqiesu c-cirkostanzi tieghu. Il-principju ma japplikax meta jkun hemm xi gustifikazzjoni xierqa fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u partikolarment meta c-cirkostanzi partikolari jkunu tali li, inter alia, verosimilment ma jaghtux lok ghal dak id-diprezzament li hu ghab-bazi tal-principju". (Appell Civili "Spiteri vs Zammit", 16 ta' Dicembru,1968, "Holland vs Vella", 13 ta' Dicembru 1968; "Stivala vs Gauci Maistre", 15 ta' April, 1977; "Schembri vs Frendo" 26 ta' Gunju, 1978; "Azzopardi et vs Vassallo", 22 ta' Mejju, 1978).

8. Li l-fond jinzamm bla ma jintuza hemm qbil bejn il-partijiet. Is-socjeta' intimata issemmi xogholijiet madwar il-fond u ragunijiet ta' sigurta'. Dwar dan ma ngiebu l-ebda provi. Ghaddew hames snin. Ghalkemm "mhux prattikabbli li jigu determinata provi kemm zmien irid jigi precziat biex jista' jinghad li jezisti nuqqas ta' uzu, eppure meta dan in-nuqqas ta' attivita' kummercjali jigi valutat fil-kwadru tar-raguni tan-nuqqas, ma jistax

jinghad illi t-tul ta' zmien kien determinat minn xi gustifikazzjoni ragonevoli....... Tul ta' zmien li fih il-fond inzamm maghluq u ma kienet qed tigi kondotta l-ebda attivita' kummercjali minnu. Tali cirkostanzi verosimilment jaghtu lok ghall-abbandun....... u allura jillegittimaw id-dritt tal-lokatur li jiehu taht idejh il-fond" ('Gasan et vs Hix Ltd', 10 ta' Marzu, 2004)

9. Il-fond huwa mahzen u jaqa' taht it-tifsira ta' 'hanut' fil-ligi specjali. Ghandu harsien specjali imma meta ma jintuzax ghal hames snin u ma jigix pruvat li kien hemm xi cirkostanzi specjali, is-sid ghandu l-jedd li jitolbu lura.

10. Dawn il-proceduri gew imxekkla mis-socjeta' intimata biex jittawwal iz-zmien bla ma jingiebu l-ebda provi, imma biex jitressaq rikors wara iehor. Fl-ahhar kellu jixhed l-avukat tas-socjeta' intimata u wara sar rikors iehor li l-Bord, biex titwettaq gustizzja kellu jichad.

Billi jirrizulta non uzo ghal zmien twil il-Bord jilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u jawtorizzahha terga tiehu f'idejha l-fond 292/7, Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta, ghal ghan ta' tkeccija jaghti tlett (3)xhur zmien millum; l-ispejjez jithallsu mis-socjeta' intimata."

L-obbjezzjoni principali tas-socjeta` intimata fl-impunjattiva taghha ta' l-ordinanzi tal-Bord (18 ta' Jannar 2006 u 15 ta' Marzu 2006) u tas-sentenza fil-mertu (16 ta' Marzu 2006) hi minnha koncepita fis-sens illi l-Bord ma kkoncedilhiex l-opportunita` li tipproduci provi ohra meta kienet tezisti raguni valida li impedietha tressaqhom fil-mument opportun, u, konsegwentement, il-procedura tippekka minn lezjoni tas-smigh xieraq;

Bi preliminari, jigi rilevat illi qed ikunu frekwenti l-appelli lil din il-Qorti bic-censura tan-nuqqas ta' harsien tal-principju

tal-gustizzja naturali *audi alteram partem* mill-qrati inferjuri u t-tribunali specjali. Uhud huma gustifikati. Maggorment ma humiex. L-appell prezenti jaqa' f' din l-ahhar katergorija;

Opportunement, jaqbel illi ghall-ezami ta' l-obbjezzjoni jigu qabel xejn replikati l-osservazzjonijiet li jsegwu:-

(1) Ma jista' qatt ikun disputat illi kull tribunal, ta' liema speci hu, ghandu l-fakolta li jirregola l-izvolgiment tal-gudizzju quddiemu bil-mod li jirritjeni l-aktar ragonevoli;

(2) Din il-prerogattiva tieghu fl-artikolazzjoni tal-gudizzju ssib il-limitu taghha fl-osservanza tal-harsien ta' dak il-principju inderogabbli, u kostituzzjonalment salvagwardat, illi kull parti fil-procedura ghandu jkollha l-opportunita` li tipprezenta l-provi taghha u li tesponi s-sottomissjonijiet taghha;

(3) S' intendi, din il-garanzija kostituzzjonali ta' l-effettiva osservanza tal-principju ma ghandhiex tfisser illi t-termini assenjati ghall-produzzjoni tal-provi ghandhom jiddependu mid-diskrezzjonalita` tal-partijiet. Kif lanqas ma ghandu jkun mistenni jew tollerat illi l-partijiet jiddettaw huma t-termini li fihom ghandhom jipproducu l-provi jew jiddeciedu huma meta ghandha tinghalaq l-istruttorja;

(4) Id-drittijiet tad-difiza ghandhom, iva, jigu rispettati. Daqstant iehor, pero`, kif jinsab osservat, "fl-applikazzjoni ta' dan il-principju bazilari ta' dritt kellhom jigu osservati l-interessi supremi tal-gustizzja kif ukoll id-drittijiet tal-kontroparti li kienu jesigu illi s-smigh tal-kawza jkun regolat skond kif tidderiegi l-Qorti bl-applikazzjoni tal-ligi procedurali". ("**Teddy Spiteri *et* -vs- Catherine Muscat *et***", Appell, 6 ta' Ottubru, 2000). Ghax kif issokta jigi osservat "il-provvedimenti tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jirregolaw il-kondotta tal-kawza huma intizi mhux biss biex jassiguraw smigh xieraq u gust imma wkoll smigh bla dewmien u fi zmien xieraq" ("**Theodora Gauci Borda *et* -vs- Frank Borda**", Appell, 29 ta' Mejju 2000;

Fermi dawn l-osservazzjonijiet, biex ikun accertat jekk tabilhaqq il-principju fundamentali suddett giex rispettat wiehed ghandu jipperkorri l-*iter* ta' l-atti processwali quddiem il-Bord biex minnhom jigi stabbilit jekk l-appellanti nghatatx il-possibilita` li tressaq il-provi;

(1) Jidher li l-ewwel seduta effettiva saret fit-2 ta' Mejju 2002 fejn fiha xehed Paul Fenech ghas-socjeta` appellata;

(2) Kien fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2004 illi din l-istess socjeta` ddikjarat li kienet ghalqet il-provi. B' danakollu, jigi notat ukoll illi fiz-zmien intermettenti bejn l-ewwel seduta u dik tal-gheluq tal-provi mis-socjeta` appellata l-partijiet kienu qed jikkoltivaw possibbli ftehim u cessjoni tal-kawza. Dan kif jirrizulta mill-verbal tas-7 ta' Lulju 2003;

(3) Jirrizulta illi in segwitu ghad-dikjarazzjoni imsemmija tal-11 ta' Novembru 2004, ghal ben tliet seduti konsekuttivi - 2 ta' Frar 2005, 4 ta' Mejju 2005 u 28 ta' Settembru 2005 - ma deher hadd mill-partijiet, tant li fl-ahhar seduta imsemmija l-Bord ammonixxa illi jekk ma jibqa' jidher hadd hu jghaddi ghas-sentenza. Fil-fatt fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2005 il-Bord ghadda biex hekk jiddifferixxi l-kawza ghas-sentenza ghas-7 ta' Dicembru 2005;

(4) Jumejn qabel din l-ahhar data s-socjeta` appellanti intavolat rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza bil-motiv li l-Managing Director kien jinsab fil-Belgju, fejn ghandu jkollu r-residenza, u li dakinhar tas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2005 il-konsulent legali taghha kien impenjat fuq xoghol quddiem il-Qorti Superjuri ta' Ghawdex;

(5) Jidher li l-Bord accetta dan ir-rikors u ddifferixxa l-kawza ghat-18 ta' Jannar 2006 ghal provi kollha li fadal b' ripetizzjoni tal-monitu illi wara dakinhar hu jghaddi ghas-sentenza;

(6) Fit-18 ta' Jannar 2006 xehed il-konsulent legali tas-socjeta` appellanti u ntalbet li tinghata l-opportunita` ta' l-ahhar differiment li tressaq provi ohra ghax skond ma jinghad fid-dikjarazzjoni verbalizzata a fol. 62 "ma jkunx facli ghalih (il-Managing Director) li jivvjaggja minhabba li kien hemm il-vakanzi tal-Milied". Din it-talba giet opposta mill-kontroparti u l-Bord halla l-kawza ghas-sentenza ghas-16 ta' Marzu 2006;

(7) Proprju lejliet din is-sentenza u precizament fil-15 ta' Marzu 2006 s-socjeta` appellanti ghal darba ohra ressqet rikors (li jigi notat li lanqas ma gie prezentat fir-Registru - ara fol. 64) b' talba ghas-sospensjoni tas-sentenza. Il-motivazzjoni asserita kienet dik li Yvonne De Roos, mart il-Managing Director, Carmelo Borg kienet korriet u kellha taghmel interventi kirurgici. Jigi notat illi c-certifikati esebiti huma kollha bil-lingwa Fjamminga, anke jekk minnhom ma jonqosx li jigi osservat illi d-data ta' l-allegat korriment kienet x' aktarx f' Settembru 2005. Fatt dan li ma giex rilevat fl-ewwel rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza pprezentat fil-5 ta' Dicembru 2005 (fol. 56);

Minn dan il-kwadru din il-Qorti hi sodisfatta illi socjeta` appellanti nghatat l-opportunita` shiha li tressaq il-provi taghha, u jekk dan ma ghamlitux l-ebda skuzanti ma tista' sserviha biex tghaddi censura fuq l-operat tal-Bord. Huwa ghal kollox inutili li toqghod taghmel komparizzjoni bejn tul ta' zmien li fih is-socjeta` appellata ghalqet il-provi taghha u z-zmien rizervat lilha biex tikkonkludi l-provi taghha. Sincerament, din il-Qorti ma tirravviza ebda *bias* mill-Bord f' dan il-kuntest. Ma jidherx allura li huwa lecitu illi dak pretiz mis-socjeta` appellanti jithalla jiskonfina r-razzjonalita` ta' dik l-ekonomija processwali tollerabbli biex, ghal skuza jew ohra, tiddeciedi hi meta kellha taghlaq il-provi taghha. Jekk, kif inhu l-kaz, hi giet koncessa l-fakolta li ggib f' aktar minn udjenza wahda, il-provi kollha li kienu fid-disponibilita` esklussiva taghha, ikun sovversiv tar-regoli procedurali kieku kellha din il-Qorti, u konsiderati c-cirkustanzi kollha, takkwiexxi ruhha ghat-talba tar-revoka tad-digrieti emanati mill-Bord.

Premess dan, il-Qorti assolutament ma ssibx illi fil-fattispeci tista’ qatt tikkonfigura ipotesi tal-vjolazzjoni asserita tal-principju tas-smigh xieraq. Jghoddu ghal kaz l-enuncjazzjonijiet maghmula mill-Qorti ta’ l-Appell fid-decizjonijiet “**Joseph Falzon -vs- Anthony Debono *nomine***”, 13 ta’ Jannar 1975 u “**Lawrence Ciantar *nomine* -vs- Anthony Montebello**”, 7 ta’ Ottubru 1997, ghal liema, a skans ta’ riproduzzjoni ta’ siltiet minnhom, qed issir semplici referenza;

Gjaladarba l-aggravju fuq dan il-punt qed jigi skartat din il-Qorti ma ssibx lanqas raguni biex tiddisturba l-gudizzju tal-Bord fil-mertu. Dan ghar-raguni illi, attiz li l-fond lokat bhala mahzen kien ilu ghal bosta snin ma jintuza, ma ngiebet ebda prova mis-socjeta` appellanti ta’ xi gustifikazzjoni xierqa ghan-nuqqas ta’ uzu tieghu. Ara “**Edmund Spiteri -vs- Dr. Kalcidon Zammit**”, Appell, 16 ta’ Dicembru, 1968.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza kontra s-socjeta` appellanti. Iz-zmien ta’ tliet xhur stabbilit mill-Bord ghal skop ta’ zgumbrament jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------